MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Numru 466/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ATTARD** ta' disgha w tletin sena bin Carmel u Maria Sapienza nee Muscat, imwieled H'Attard nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1964 u joqghod Flat 1, 'Coralba', Vjal; l-Indipendenza, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 342064M gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn t-tlieta ta' Gunju 1999 u l-ewwel ta' Marzu 2002, fil-fond "Caves Cottage", Triq l-Buskett, Rabat, bhala l-persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda,

1. Ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

2. Talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara jew kisser parti minn dan il-meter tal-elettriku jew s-sigilli teighu jew xi parti minn xi apparat jew s-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew s-sigilli taghhom;

3. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar t-tlieta ta' Mejju 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Mejju 2003 esibit a fol 7 tal-atti markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami nhar li sar nhar t-tnax ta' Settembru 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 8].

Rat s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli esibita fl-atti a fol 11 et seq.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tnax ta' Settembru 2003 xehdet l-Ispettur Marthese Micallef** [fol 9] fejn qalet li nhar l-ewwel ta' Marzu 2002 hi kienet giet infurmata mis-Surgent 630 li gewwa l-fond bl-isem 'Caves Cottage', sitwat fi Triq il-

Buskett, Rabat, certu Harry Buttigieg li jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta kien infurmha li kien hemm meter imbaghbas. Is-Surgent kien mar fuq l-post indikat lilu u sab li s-sigill l-ahmar kien nieqes, is-sigill l-blue ma kienx kif suppost u li kien hemm xi grif fuq ir-*rotating disc* tal-meter. Huwa kien gie nfurmat wkoll li l-meter ma kienx qed jirregistra konsum u l-ahhar qari kien ta' 30177. Is-Surgent minn naha tieghu kien informa lil Magistrat tal-Ghassa, l-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri pero ma hassx li kellu jzomm inkjesta relattiva. Ix-xhud kompliet tghid li hi minn naha taghha kellmet lil Joseph Caruana li kien ha r-responsabbilita tal-meter pero meta kellmitu dan cahad li kien hu li kien baghbas fil-meter. Huwa kien qal li dak kien post li jintuza rarament u ma kienx hu li kien mess l-meter. Ziedet tghid li meta staqsiet lil Joseph Attard jekk kienx jaf li xi hadd kien ghamel xi haga fih, dan kien wegibha fin-negattiv. Hija esibit s-sentenza datata tlieta ta' Mejju 2001 li giet mmarkata bhala dokument MM 1.

Nhar **l-ghaxra ta' Ottubru 2003 dehret l-Ispettur Marthese Micallef u esibit** l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li giet mmarkata bhala dokument ST [fol 27] fejn fuqha gharfet il-firma taghha, dik ta' PC 1252 Malcolm Mifsud u dik tal-imputat li gharfet presenti fl-awla u dan wara li nghata s-solita twissija.

Illi **nhar t-tnax ta' Settembru 2003 xehed Saviour Decelis** [fol 13] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta. Huwa esibixxa *record of consumption* tal-fond 'Caves Cottage', sitwat fi Triq il-Buskett, Rabat li gie mmarkat bhala dokument RC [fol 15]. Esibixxa wkoll *report of surprise inspection* li gie mmarkat bhala dokument RC 1 [fol 16], estratt mill-Water Works File li gie mmarkat bhala dokument RC 2 [fol 17] u l-istorja tal-meter in kwistjoni li giet mmarkata bhala dokument RC 3 [fol 18]. Qal li r-*record of consumption* hu hadmu ghal perjodu ta' bejn t-tlieta ta' Gunju 1999 u l-ewwel ta' Marzu 2002 fuq perjodu ta' elf u wiehed [1001] gurnata a bazi ta' disgha [9] *units* ghal kull gurnata, b'hekk jigu disat elef u disgha [9009] *units*, imbaghad naqqas l-*units charge* u cioe elef sitt mija

hamsa w erbghin [1645] unit u ghalhekk il-bilanc restanti kien ta' mitejn u hamsin lira u tmienja w sittin centezmu [LM250.68]. Qal li dakinhar l-imputat hallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira u dan kif jirrizulta mid-dokument RC. Qal li l-kontijiet fuq il-meter in kwistjoni kienu johogru fuq *estimation*. Qal li <u>kien l-imputat stess li kien talab revizjoni tal-kontijiet</u> u dan ghaliex l-estimi kienu tant gholjin u meta effettivament marru rappresentanti tal-Korporazzjoni, sabu li l-meter ma kienx regolari. Qal li ma kienetx *surprise inspection* izda fuq domanda tal-istess *registered consumer*.

Illi **nhar t-tnax ta' Settembru 2003 xehed PS 690 Carmel Pace** [fol 19] li esibixxa l-okkorrenza relativa ghal dan il-kaz li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 21].

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 xehed PS 125 Malcolm Mifsud** [fol 28] fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li hija mmarkata bhala dokument ST [fol 27] fejn fuqha gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Marthese Micallef u dik tal-imputat li gharaf presenti fl-awla u dan wara li nghata s-solita twissija.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 xehed Harry Buttigieg** [fol 30] fejn qal li hu jahdem bhala Senior Tradesman mal-Korporazzjoni Enemalta. Qal li fl-ewwel ta' Marzu 2004 hu kien ghamel spezzjoni fil-fond in kwistjoni fejn hemm sab lil imputat odjern li gharaf presenti fl-awla. Qal li mieghu kien hemm impjegat iehor tal-Korporazzjoni certu Joseph Formosa. Qal li l-meter in kwistjoni kien tal-marka Elia u kien hemm sigill nieqes u iehor maqtugh. Qal li l-konsum kien wieqaf u li l-ammont ta' *units* registrati kien 30177. Qal li huma fethu l-*cover* tal-meter u sabu xi brix fuq id-diska. Qal li ghal ewwel l-imputat ma kienx fuq il-post pero wara li kien gie msejjah, kien mar ma sehibhom. Qal li l-*cover* infetah fil-presenza tal-imputat u sabu s-sigill maqtugh filwaqt li l-iehor kien nieqes u m'instabx fuq il-post. Qal li s-sigill tal-*base* u cioe dak l-*blue* kien imbaghbas.

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2004 xehed Joseph Formosa** [fol 338] fejn qal li hu kien mar fuq il-post indikat fil-

kapacita tieghu ta' fitter fejn meta dahal fil-fond sab sigill ahmar mal-art, sigill iehor nieqes u sigill blu kien inkullat. Qal li dak l-hin l-imputat kien presenti. Qal li appena fethu l-*cover* tal-meter innutaw li kien hemm brix mad-diska pero inkjesta ma kienetx saret.

Illi **nhar l-hamsa ta' April 2004 xehed l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi** [fol 43] fejn wara li ra s-sentenza esibita fl-atti a fol 11 markata bhala dokument MM 1, ikkonferma li f'din l-istess sentenza hu kien l-Ufficjal Prosekutur flimkien ma Ufficjali tal-VAT, ghalkemm ma kienx f'posizzjoni li jaghraf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess imputat indikat fl-istess sentenza.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 49] fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu li tinsab esibita bhala dokument St a fol 27 tal-atti. Qal li fil-perjodu indikat fic-citazzjoni l-Enemalta kienet qed tohrog stimi ghal pagament li hu kellu jaghmel lilha peress li l-fond huwa post ta' villeggjatura fix-xitwa u ghalhekk meta r-rappresentant tal-Enemalta kien imur hemmhekk ma kien isib lil hadd u ghalhekk kienet tohrog biss stima. Qal li l-kontijiet dejjem thallsu a bazi tal-istimi li kien johorgu u f'mument minnhom derhlu li l-istimi in kwistjoni kienu eccessivi u ghalhekk talab li jinbidel il-meter. Qal li wara kienu marru tal-Enemalta u ghalhekk kellhom jifthu l-post biex dawn ikunu jistghu jbiddluh.

Fl-ewwel ta' Marzu 2000 kien ftehem mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-meter jinbidel, dawn marru fuq il-post u kien mar hu wkoll. Qal li fil-fehma ta' dawn l-impjegati kien hemm xi tbaghbis fil-meter fis-sens li kien hemm sigilli li kienu neqsin u sigill li kien inkullat u ghalhekk kienu talbuh jikkummenta dwarhom. Qal li hu ma setghax jaghti spjegazzjoni ghal dawk l-irregolaritajiet. Qal li dakinhar meta kien hemm dawn l-impjegati hu kien nnota fl-art sigill u gibed l-attenzjoni tal-impjegati ghalih wkoll. Qal li hu ghandu background ta' materjal plastiku bhala direttur tas-socjeta Power Supplies u ghalkemm s-sigill normalment jkollu kulur ahmar jew isfar, dan s-sigill partikolari kien sar ta' kulur abjad. Qal li l-materjal tieghu

ikkristalizza t-trabijiet u ghalhekk ma l-icken moviment, jew haga esterna, dan jaqa wahdu u fil-fatt hekk ghamel. Qal li dan is-sigill kien gie elevat pero ma kienx jaf x'sar minnu. Zied jghid li dakinhar hu kien gie mitlub jhallas depositu ta' mitejn u hamsin lira u dan sabiex il-meter jinbidel. Qal li hu dakinhar kien hallas dan l-ammont u wara harget l-akkuza odjerna.

Ix-xhud esibixxa d-dokument JA 1 [fol 52] minn fejn jirrizulta li l-Water Services wriet tnaqqis fil-kont ta' tlett mija sebgha w tletin lira u hames centezmi minhabba *overpayment* li sar minn naha tieghu ghal istess perjodu. Qal li fid-dokument JA 1 l-ammont dovut huwa ta' mija u disgha liri u sitt centezmi meta fic-citazzjoni huwa indikat bhala mitejn u hamsin lira u sittin centezmu. Ix-xhud zied jghid li l-post in kwistjoni huwa wiehed maghluq u jintuza fix-xitwa biss partikolarment fil-*weekends* minn membri tal-familja tieghu. Qal li dan il-fond ma jappartjenix lilu biss izda huwa tal-ahwa bl'uzufrutt mill-wirt ta' missieru. Qal li r-*registered consumer* huwa Carmel Attard li hu mejjet. Ix-xhud kompla jghid li hu jiehu hsieb l-fond bhala detentur tieghu. Huwa kkonferma d-dokument RC esibit a fol 16 tal-atti.

Illi **nhar s-sitta ta' April 2005 xehdet Melissa Harmsworth** [fol 28] fejn qalet li kienet qed tixhed in rappresentanza tal-Water Services Corporation. Qalet li tal-Korporazzjoni Enemalta kienu nfurmawhom sabiex issir revizjoni tal-kont l-antik ta' Joseph Attard mahrug fuq l-fond Caves Cottage, Triq il-Buskett, Rabat u talbuhom biex inaqqsu l-kont ta' Joseph Attard b'disat elef sitt mija u hdax il-unit u b'hekk huma taw *credit* lil imputat ta' tlett mija sebgha w tletin lira u disgha centezmi u ziedet tghid li l-imputat dejjem hallas b'mod regolari.

Ikkunsidrat:

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent

elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.
Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa u wkoll li l-imputat jkun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax fl-ewwel lok li effettivament sar serq ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta ghaliex fil-fatt l-imputat spicca b'kreditu minghand l-Korporazzjoni kif jirrizulta mid-dokument JA 1 w in oltre jirrizulta li wara li saret r-revizjoni fuq il-meter ma gie registrat ebda serq. Dwar in-nuqqasijiet li kien hemm fuq il-meter, konsistenti f'sigill nieqes u iehor inkullat, il-Prosekuzzjoni bil-provi li ressqet, ma ppruvatx li kien l-imputat li ghamel dan t-tbaghbis, anzi semmai, mix-xhieda tal-imputat stess, ta' Melissa Harmsworth u ta' Silvio Decelis, jirrizulta li hemm bizzejjed provi li ma kienx l-imputat li ghamel dawn l-irregolaritajiet li kien hemm.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH ATTARD hati tal-akkuzi ta' serq u hsara voluntarja kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah minnhom.**

**Dwar l-akkuza ta' recidiva, peress li l-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi, din t-tielet akkuza ta' recidiva ma tirrizultax u ghalhekk tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------